# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Jannar 2024

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u **nitolbu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu ħalli nagħrfu r-rigal tal-karizmi differenti fil-komunità Nisranija u biex niskopru r-rikkezza tat-tradizzjonijiet ritwali diversi fil-Knisja Kattolika.**

**Ninġabar:**
Nieħu ftit tal-ħin biex ninġabar u niffoka biex inħalli l-preżenza ta' Alla tmexxini fit-talb. Naħseb ftit dwar kif jien niċċelebra l-fidi tiegħi.

**Fatt ċkejken:**




Ftit xhur ilu, kont qiegħda f'ħanut u smajt konverżazzjoni bejn żewġ nisa. Kienu qed jiddiskutu l-avviżi tal-Kappillan u l-kliem waqa' fuq l-aħbar li bdew laqgħat ġodda fil-parroċċa u l-ewwel waħda kienet dwar l-ikoni. Waħda min-nisa kienet pronta qalet: "Jaqaw dawn xi ħaġa tal-Papa? Għax smajthom isemmu xi ħaġa." Il-mara l-oħra spjegat: "Papas, mhux Papa! Qassis tar-Rit Biżantin. Jien mort l-ewwel laqgħa u vera kienet interessanti." Seħbitha ma tantx dehret konvinta u bdiet tistaqsi: "Imma ngħid jien ma setgħux ġabu saċerdot tas-soltu... dan fejn jifhem?... Qalu li miżżewweġ b'żewġt itfal u dan ma jemminx bħalna!" Il-mara l-oħra kienet pronta wieġbet: "Dan Professur fl-Università ta' Malta li laħaq Papas tar-Rit Biżantin xi 17-il sena ilu. F'dan ir-rit, il-qassisin jistgħu jiżżewġu. Studja diversi suġġetti u l-mod kif jispjega ntlaqa' tajjeb ħafna min-nies li attendew għal-laqgħa. Infatti, nhar il-Ħadd il-Kappillan avża li l-Papas se jkompli jikkontribbwixxi fil-laqgħat ta' kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar fejn issir Ċelebrazzjoni tal-Kelma. Ir-Rit Biżantin xorta jħaddan it-twemmin Kattoliku, però jużaw riti differenti biex jesprimu t-twemmin tagħhom. Hawn diversi modi kif wieħed jiċċelebra l-fidi tiegħu u importanti li nirrispettaw dawn il-prattici u nitgħallmu minnhom. Per eżempju, qatt ma rajt xi filmat dwar kemm tkun animata quddiesa fl-Afrika b'dawk it-tnabar u ż-żfin?"

**Naħseb ftit:**
Ġieli esperjenzajt riti differenti ta' ċelebrazzjoni tal-fidi? X'inhuma l-elementi komuni f'dawn it-tradizzjonijiet differenti? Kif inħossni meta nesperjenza xi rit ġdid?

**Nitlob:**
Mulej, agħtini l-grazzja napprezza kif id-diversi riti u espressjonijiet li nsibu fil-Knisja Kattolika joffrulna l-opportunità biex insiru nafu l-fidi tagħna aktar fil-fond.

**Kliem ta' dawl:**
L-istess Spirtu li jagħti spazju għad-diversità tal-karizmi huwa l-istess Spirtu li jibni l-unità fil-Knisja.

*Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**
Infittex opportunità biex nattendi għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa b'rit differenti. Nippartecipa b'qalb miftuħa u bil-ħsieb li minkejja d-differenzi fir-riti, hija l-fidi li tgħaqqadna bħala komunità waħda.